MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 1275/2000/1

**Rikors numru 1275/00DM**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Trust Property Company Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta  ghal hlas tas-somma ta’ tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm388) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma’ prezz ta’ payphone li jgib in-numru 336024 liema servizz gie stallat fil-fond kummercjali li jgib l-isem Binamar Hotel numru 136, St. Christopher Street, Valletta skond ma kif jidher mill-applikazzjoni Dok A.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti tal-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici ghaldaqstant wara li rat id-dokumenti esibiti u semghet bil-gurament il-provi prodotti mill-kumpanija attrici issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici tikkundanna lill-konvenuti hallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm388) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mil-15 ta' Settembru 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

Sandra Farrugia
Dep Reg
Civ A

.